



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

---

*Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali*

---

**2014/0083(NLE)**

8.10.2014

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra (09828/2014 – C8-0130/2014 – 2014/0083(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Ionel-Sorin Moisă

PA\_Leg\_Consent

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Moldova, innegozjat taħt il-patroċinju tal-Ftehim tal-Lvant mill-2010 sal-2013, jimxi mal-mudell tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukraina.

Dan jinkludi pilastru kummerċjali li se jwassal għall-ħolqien ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva<sup>1</sup> mal-UE.

Iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva se toħloq opportunitajiet ġodda għall-kummerċ u t-tkabbir ekonomiku u se tkun ta' benefiċċju dirett għan-negozji u ċ-ċittadini tal-Moldova, filwaqt li l-UE se tibbenefika minn flussi kummerċjali b'inqas intoppi u kundizzjonijiet ta' investiment aħjar fil-Moldova. Iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva tinkludi bosta dispożizzjonijiet li għandhom l-għan jirrifurmaw il-politiki tal-Moldova dwar il-kummerċ u dawk relatati mal-kummerċ, abbażi tal-*acquis* tal-UE u f'konformità miegħu. Dan kollu se jikkontribwixxi għall-modernizzazzjoni tal-ekonomija, l-istabbiliment tal-investiment tal-UE fil-pajjiż, u għal ambjent politiku mtejjeb u aktar prevedibbli.

### L-aċċess għas-suq

Għal dak li jirrigwarda l-UE, iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva tipprevedi l-eliminazzjoni totali tad-dazji kollha fuq l-importazzjonijiet kif ukoll il-projbizzjoni tad-dazji fuq l-esportazzjonijiet fuq il-prodotti kollha min-naħa tal-UE. Uħud mill-prodotti agrikoli biss (l-aktar prodotti li joriġinaw mill-annimali, zokkor u prodotti taċ-ċereali), li huma meqjusa bħala sensitivi fl-UE, se jkunu suġġetti għall-monitoraġġ tal-flussi kummerċjali. Għadd limitat ta' frott u ħaxix, prodotti li huma suġġetti għal prezzijiet tad-dħul fl-UE, se jkun liberalizzati fi ħdan kwoti tariffarji li jkopru l-flussi kummerċjali tradizzjonali.

Għal dak li jirrigwarda l-Moldova, għall-maġġoranza tal-prodotti hija prevista eliminazzjoni immedjata tad-dazji kollha fuq l-importazzjonijiet. Huwa previst proċess ta' liberalizzazzjoni fi stadji (bejn 3 u 10 snin, skont il-prodott), għal ċerti prodotti sensitivi (l-aktar prodotti agrikoli, kif ukoll tessuti/ħwejjeġ). Prodotti oħra jibqgħu mhux liberalizzati, ġestiti fi ħdan kwoti tariffarji (prodotti tat-tjur u laħam tal-majjal, ċerti prodotti tal-ħalib, prodotti ta' laħam proċessat jew zokkor u prodotti relatati).

### Regoli ta' oriġini

Il-Moldova se tapplika r-regoli ta' oriġini li jippermettu l-adeżjoni mal-Konvenzjoni Pan-Ewro-Mediterranja, bħala żona ta' akkumulazzjoni tal-proċessi ta' manifattura mal-UE u membri Pan-Ewro-Mediterranji oħra, li trawwem pożittivament l-integrazzjoni ekonomika reġjonali fil-kummerċ ta' prodotti.

### Servizzi u stabbiliment

L-UE u l-Moldova jipprovdu lil xulxin impenji GATS+ oħra f'firxa wiesgħa ta' oqsma u għall-4 modalitajiet ta' forniment ta' servizzi. B'mod partikolari, il-partijiet qablu dwar aċċess wiesa' għall-istabbiliment (modalità 3) f'varjetà wiesgħa ta' setturi, li huma akkumpanjati

---

<sup>1</sup> Titolu V tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

minn hekk imsejħa dispożizzjonijiet ta' 'modalità 4', li jippermettu lil persunal kwalifikat jaħdem fuq bażi temporanja fl-UE jew il-Moldova, f'setturi li huma koperti minn dispożizzjonijiet ta' stabbiliment.

Il-proċess ta' riforma se jkopri l-oqsma tas-servizzi postali u tal-kurrier, it-trasport marittimu internazzjonali, il-komunikazzjonijiet elettroniċi u s-servizzi finanzjarji. B'riżultat ta' dan, l-UE tista' tapprofondixxi l-aċċess tas-suq tagħha fil-qasam tas-servizzi fi ħdan l-impenji bilaterali dwar is-servizzi. Il-Moldova tipprevedi massimu ta' 10 snin għall-proċess ta' riforma gradwali f'dawn l-oqsma kollha.

### Proprjetà intellettuali

Il-partijiet qed isaħħu l-impenn tagħhom li jħarsu l-proprjetà intellettuali lil hinn mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tad-WTO dwar Aspetti Relatati mal-Kummerċjalizzazzjoni tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettuali (TRIPS). Dan jirrigwarda l-protezzjoni estiża tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali differenti (jiġifieri l-marki kummerċjali, il-privattivi, it-tfassil, il-varjetà veġetali), kooperazzjoni mtejba u infurzar (ċivili) aktar qawwi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, inkluż fil-fruntiera. Bl-istess mod, iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva tinkorpora bis-sħiħ il-Ftehim bejn l-UE u l-Moldova dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

### Akkwist pubbliku

L-UE u l-Moldova għandhom l-għan li jimmodernizzaw aktar is-sistema tal-akkwist pubbliku tal-Moldova u jallinjaw gradwalment (fi żmien 8 snin) il-prattiki tal-akkwist pubbliku tal-Moldova ma' dawk tal-UE. Dan iwassal għal aċċess aħjar għas-suq tal-UE abbażi tat-trattament nazzjonali.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jipprevedi kooperazzjoni kbira speċifika għas-settur u konverġenza regolatorja ġenerali, li jgħibu magħhom tibdil fit-tul b'rabta mal-iżvilupp sostenibbli, ir-rispett għall-ambjent, id-drittijiet tax-xogħol, eċċ.

Huwa mistenni li ż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva se tkabbar il-kummerċ bejn l-UE u l-Moldova b'16 % għal dak li jirrigwarda l-esportazzjonijiet tal-Moldova lejn l-UE, u bi 8 % għall-importazzjonijiet mill-UE. Jekk jitwettqu r-riformi, iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva b'mod ġenerali mistennija ttejjeb il-bilanċ tal-kont kurrenti tal-Moldova u żżid il-PDG b'5.4 % (tkabbir ta' EUR 142 miljun fid-dħul nazzjonali).

### Konklużjonijiet

Ir-Rapporteur jemmen li l-Parlament Ewropew, permezz tal-approvazzjoni tiegħu għal dan il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, se jagħti lill-Moldova l-opportunità li tibni futur tajjeb għaliha fi ħdan l-Ewropa. Ir-Rapporteur jinsab kument bil-fatt li l-Parlament tal-Moldova rratifika l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fit-23 ta' Lulju 2013, u b'hekk ippermetta l-applikazzjoni provviżorja tiegħu mill-1 ta' Settembru 2014. Ir-Rapporteur jenfasizza li l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni se jkun ta' suċċess jekk jiġi implimentat b'attenzjoni u b'mod kontinwu miż-żewġ partijiet. Il-

Parlament Ewropew jinsab konxju li l-implimentazzjoni taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva teħtieġ bosta sforzi u riformi li jiswew il-flus fil-Moldova. Għal dan il-għan, l-UE għandha tassisti lill-Moldova fl-adozzjoni tal-liġijiet rilevanti u l-implimentazzjoni tal-arranġamenti, u għandha timmonitorja l-infurzar reali tagħhom.

\*\*\*\*\*

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jirrakkomanda l-approvazzjoni tal-Parlament tal-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra.

### RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	7.10.2014
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 29 -: 5 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	William (The Earl of) Dartmouth, Tiziana Beghin, David Campbell Bannerman, Daniel Caspary, Salvatore Cicu, Marielle de Sarnez, Santiago Fisas Aixelà, Yannick Jadot, Jude Kirton-Darling, Bernd Lange, Marine Le Pen, David Martin, Emmanuel Maurel, Emma McClarkin, Anne-Marie Mineur, Sorin Moisă, Alessia Maria Mosca, Artis Pabriks, Bolesław G. Piecha, Franck Proust, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Viviane Reding, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Tokia Saïfi, Marietje Schaake, Helmut Scholz, Joachim Schuster, Adam Szejnfeld, Iuliu Winkler, Jan Zahradil
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Victor Boştinaru, Klaus Buchner, Georgios Katrougkalos, Seán Kelly, Gabriel Mato, Fernando Ruas, Pedro Silva Pereira
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jozo Radoš